MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 569/2007

**Talba Nru: 569/07VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334) u b’digriet tal-4 ta’ Dicembru 2007, l’isem Maltacom plc inbidel ghal GO p.l.c. (C22334).

Vs

Antoine Zerafa (Id. 240667M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta’ elf, mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1227.88) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 226680, u minkejja li l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas, baqa’

inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra d-Digriet moghti minn dan it-Tribunal fl-4 ta’ Dicembru 2007.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elfejn, tmien mija u sittin Ewro u dsatax il-centezmu (€2860.19), ekwivalenti ghal elf, mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1227.88) kif mitluba fl-Avviz, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------